**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' April, 2018

Rikors Nru : 458/17AL

AB

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent, li permezz tieghu jippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (26/04/1986) (Ara Dok 'A' anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom erba' (4) ulied, li llum huma lkoll maggorenni u ghandhom izjed minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Sandra Valentino mit-tlieta u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (23/08/2007) (Ara Dok 'B' anness);

Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Dok 'B', klawsola numru tlieta (3)) u ghaldaqsant m'hemm ebda manteniment jew arretrati dovuti;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur l-ulied tal-partijiet stante li l-ulied huma lkoll maggorenni u 'l fuq min tlieta u ghoxrin (23) sena, u lanqas m'hemm arretrati dovuti;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn ghaxar (10) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru 2017;

Rat illi r-rikorrenti ikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

Rat illi l-intimata, debita notifikata, ma ipprezenatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Awwissu, 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.